MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2010

Numru. 647/2000

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR DENNIS THEUMA**

**KONTRA**

**OMISSIS;**
**OMISSIS;**
**OMISSIS;**
**JULIAN SANT ta’ 34 sena, iben Carmelo u Josephine nee’ Cutajar, imwieled Tal-Pieta’ nhar il-05.08.1975, residenti fil-fond 59, Flat 3, Triq il-Konservatorju, Floriana, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 463 175M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi JULIAN SANT li gie akkuzat talli:

1. Kien komplici sabiex fil-lejl ta' bejn il-15 u s-16 ta' Gunju, 2000, fi Triq Domenico Cachia, Birkirkara, hassar, jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli specifikament karozza tal-marka Renault 19 bin-numru tar-registrazzjoni DAO 692, liema hsara teccedi l-Lm500.00, u dan bi ksur tal-Artikolu 42 (a, b, c, d, e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji;

Rat ukoll illi fi stadju ta' interrogatorju Julian Sant wiegeb illi kien hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Rat ghalhekk l-Artikoilu 325 u 41 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u qieghda ssib htija f'dan ir-rigward.

Dwar il-piena rat it-tul ta' zmien li ghadda minn dan ir-reat, ghar-ragunijiet rizultanti mill-process, ghaldaqstant tqis illi l-piena karcerarja idonea ghanda tkun dik ta' liberazzjoni bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlitt (3) snin mill-lum, u dan wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------